***- SPOLL -***

***- MERTU EZAWRIET - SPEJJEZ TAL-KAWZA –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 2466/99/RCP**

**Agent Kummissarju tal-Art u d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru**

**vs**

**Francis Fenech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom villa msejha Villa Francia li tinsab f'Hal Lija, proprjeta` tal-Gvern ta' Malta.

Illi bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 1999, il-konvenut dahal f'parti minn din il-villa proprjeta` tal-Gvern, u cioe` f'kamra li tinsab fl-ewwel sular u li hi sovraposta ghal proprjeta` tal--konvenut, u li ghandha l-access taghha minn terrazin formanti parti mill-imsemmija villa, u dan billi fetah bieb biex mill-proprjeta` tieghu jkun jista' jghaddi ghal go l-imsemmija kamra, u imbarra l-bieb taghha li kien jaghti ghal got-terrazin;

Illi bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 1999, il-konvenut bena wkoll cint fuq it-terrazin formanti parti mill-villa, biex hekk ghalaq l-access ghall-kamra imsemmija u ghal dik il-parti mit-terrazin.

Illi b'dan l-agir, il-konvenut ippriva lill-atturi mill-pussess ta' parti mill-proprjeta` taghhom, u hekk ikkommetta spoll u molestja ghad-dannu tal-atturi;

Illi l-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li bl-eghmil arbitrarju tieghu, il-konvenut wettaq spoll vjolenti u bil-mohbi u molestja ghad-dannu tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenut jirrintegra l-kamra u t-terrazin fl-istat li kienu qabel huwa wettaq l-imsemmija spoll u molestja u tikkundannah jirrintegra lill-atturi fil-pussess shih taghhom u huma u l-aventi causa taghhom dejjem kellhom, u dan fi zmien qasir u perentorju li l-Qorti joghgobha tiffissalu;

3. Tordna li jekk dan iz-zmien jghaddi inutilment, ikunu awtorizzati jiehdu dawk l-opportuni mizuri a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbali tat-23 ta' Frar 2000 u tat-13 ta' April 2000;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Fenech tat-13 ta' April 2000 fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw li huma l-propjetarji jew il-pussessuri legittimi tal-villa msejha Villa Francia li tinsab f'Hal Lija li fuqha qeghdin jaghmlu din il-kawza;

2. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher anke li ma jistax ikun spoll privileggjat, billi l-agir ta' l-eccipjent sar ferm qabel t-terminu previst ta' xahrejn mill-ligi kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda minghajr ma' l-Qorti tindaga ulterjorment dwar it-talbiet attrici;

3. Subordinament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti l-konvenut ma kkommetta ebda spoll fil-konfront ta' l-atturi;

4. B' rizerva ghal eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi kollha attrici ghall-10 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-atturi tad-29 ta' Settembru 2000 fejn permezz taghha gew esebiti zewg affidavits, tal-Perit Claude Borg u ta' Raymond Bajada fol. 18 sa 27 tal-process.

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn Dr C Cardona iddikjara li ma gewx notifikati bl-affidavits tad-29 ta' Settembru 2000, u peress li l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-atturi tal-11 ta' Ottubru 2000 u d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn ir-rikorrenti ghandhom zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavits.

Rat in-nota tal-atturi tal-1 ta' Novembru 2000 fejn permezz taghha gew prezentati zewg affidavits Angelo Falzon u Publius Agius (fol. 34 sa 36).

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Novembru 2000 fejn rat ir-rikors, rat l-affidavits u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-18 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 200l fejn Dr Marvic Abdilla ghall-atturi li tat ruhha b'notifikata bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-avviz tar-riappuntament tal-kawza u bl-affidavits prezentati ghas-27 ta' Marzu 2001. Aktar tard deher Dr Cardona li ta ruhu notifikat ghall-konvenut bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza.

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu 2001 fejn Dr Chris Cardona ghall-konvenut prezenti li ddikjaraw li l-affidavits gew notifikati. Xehdu l-Ispettur Simon Galea u l-Ispettur Dennis Theuma. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghas-26 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2001 fejn xehed l-Ispettur Dennis Theuma. Id-difensuri ddikjaraw li in vista ta' din ix-xhieda l-mertu tal-kawza hu ezawrit. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet dwar l-ispejjez tal-kawza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2001 fejn Dr Marvic Sciberras Abdilla ghall-attur iddikjarat li m'ghandiex aktar provi. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ispejjez ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' spoll li l-mertu taghha gie ezawriet skond kif iddikjarat mid-difensuri tal-partijiet fil-verbal tas-26 ta' Gunju 2001, u fil-fatt dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Dennis Theuma fis-26 ta' Gunju 2001 fejn sostna li:-

*"Fil-25 ta' April ta' din is-sena jiena mort fuq il-post, mort kemm f'Villa Francia u kemm fil-fond tal-konvenut u prattikament ma baqa' xejn kemm mill-hajt tal-bricks li kien*

*sar fuq il-proprjeta` ta' Villa Francia u kemm mill-fetha li kienet saret biex iggongi d-dar tas-Sur Francis Fenech ma' Villa Francia hlief it-tikhil frisk".*

Illi pero` apparti l-fatt li b'dan il-mertu gie ezawriet, u allura din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, pero` sabiex jigi determinat min mill-partijiet ghandu jsofri l-kap tal-ispejjez, necessarjament din il-Qorti jkollha tidhol xorta fil-principji tal-azzjoni ta' spoll u l-fatt tal-kaz.

## A. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Illi din il-Qorti kif preseduta diga kellha okkazzjoni li tidhol *in extenso* f'elementi li jikkosistitwixxu l-azzjoni ta' spoll u fil-gurisprudenza nostrana. Fil-fatt issir referenza ghall-kawza deciza fit-13 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet '**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said'** (Cit. Nru. 2426/97 RCP) fejn intqal illi:

*"l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll ai termini tal-**artikolu 534 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaliha japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta".*

Illi skond l-istess artikoli, u abbazi ta' gurisprudenza konstanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *possedesse;*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infre bimestre deduxisse*

Illi huwa pacifiku li biex din l-azzjoni tigi esperita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess tal-oggett li gie minnu spoljat. Ma hux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu. "*Hu elementari f'materja ta' pussess, illi l-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-finijiet ta' azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, imma huwa bizzejjed pussess kwalunkwe anke purament materjali u di fatto*." Imma huwa dejjem mehtieg li l-attur jipprova li ghandu "*un possesso di fatto*". "*L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess* (Vol XXXVII. P.I. p. 280) "**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**" (Appell 26 ta' Jannar 1996).

Illi "*l-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lill-kwalunkwe pussess, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat fl-istat tal-pussess li jkun skonvolt jew turbat*".

"*Illi l-artikolu tal-ligi jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa jnerenti ghall-fatt*

*ta' min b'awtorita privata jaghmel ghad-dannu ta' terzi persuni att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati, u ma' dak l-Artikolu huwa markat l-iehor tal-Procedura Civili li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammessibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji*." (**"Margherita Fenech vs Paula Zammit"** - P.A. 12 ta' April 1958 Vol. XLLI. D 973).

Illi abbazi ta' dan gie wkoll stabbilit konsistentement mal-gurisprudenza taghna li "*l-azzjonijiet possessorji fosthom l-azzjoni ta' spoll ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess ta' kwalunkwe xorta u bhala objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess*" (Vol XXXVII. p. III. pg 776).

Illi skond dawn il-principji gew applikati id-dispozizzjonijiet ta' dawn l-artikoli kontra persuna li sgassat fond anke wara li akkwistat il-fond bil-proceduri tas-subbasta ghaliex il-pussess legali mhuwiex il-pussess fattwali (**Art. 311 Kap 12**) (**"Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri proprio et nomine"** - Appell 26 ta' Jannar 1996); meta l-pussess tal-attur ma kienx wiehed esklussiv (**"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** – P.A. FGC 21 ta' Jannar 1994); f'kaz ta' ko-possessuri "*meta l-att turbattiv tal-pussess hu mmirat biex jezawtora lill-ko-possessur mill-pusses li jgawdi ma' haddiehor*" (**"Antonia Borg Grech vs Joseph Pavia et"** – P.A. JSP 5 ta' Ottubru 1994); bejn konjugi fuq proprjeta` formanti parti minn komunjoni tal-akkwisti ghaliex "*gie wkoll gustament ritenut li anke l-*

*proprjetarju nnifsu jista' jispolja lilu nnifsu minn hwejgu*" (**"Marthese Borg vs George Borg"** – PA JSP 25 ta' Frar 1993); f'kazi ta' ko-proprieta` (**"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – PA JSP 30 ta' April 1991); f'kazi ta' qbiela (**"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** - Appell 23 ta' Jannar 1988); (vide wkoll **"Deborah Vella vs John Vella"** – P.A. GC 6 ta' Novembru 1988, **"Antonio Montebello vs Giuseppe Montebello"** - PA 15 ta' Marzu 1960).

Illi b'dana kollu "*l-imsemmi pussess m'ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**"Gio Maria Tonna vs Gio Maria Tonna"** – PA HH 21 ta' Frar 1985). Pero` mill-banda l-ohra "*anke pussess qasir hafna u sahansitra momentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol XXXVII. pt.II. p.642).

Illi l-ispoll jigi kommess u huwa vjolenti meta huwa "*qualunque atto arbitrario che per forze private si compie contro la volonta dello spogliato*" (**Pacifico Mazzoni** Vol III para 52); liema kuncett gie addottat anke mill-gurisprudenza taghna (Kollezz XXVIII.III-1341) u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skond il-ligi izda anke meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. AM 24 ta' Jannar 1958), (**"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – P.A. JSP 30 ta' April 1991).

Illi *di piu* a bazi ta' dan l-**artikolu 791**, il-Qorti ma tistax u ma hijiex tenuta tikkonsidra l-eccezzjonijiet, ebda eccezzjoni tal-konvenut jekk mhux dilatorja (**"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** - Appell 23 ta' Jannar 1998).

Illi f'dan is-sens ukoll gew moghtija s-segwenti sentenzi decizi minn din il-Qorti kif preseduta u cioe`:-

i. **"Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited"** – 1 ta' Lulju 1999 (RCP) - Citazzjoni Numru 1596/98/RCP

ii. **"Maria Concetta Lando, May Frances Borg f' isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Analise Bonnici, Evelyn Gulia, Joseph Cachia Zammit, Richard Cachia Zammit, Maria-Victoria mart Joseph Micallef, Rosalie mart Edward Pellegrini Petit, Ronald u Dolores sive Doris konjugi Callus vs Eugenio u Louise konjugi Galea"** P.A. - 15 ta' Gunju 1999 - Citazzjoni Numru 610/99/RCP

iii. **"Joseph Mary u Mary Fatima mizzewgin Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri u PL Mario Mifsud Bonnici li b'Digriet tal-11 ta' Settembru 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Fredrick William Gallichen"** – P.A. - 29 ta' April 1999 - Citazzjoni Numru 1704/98/RCP

Illi minbarra dan, dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP);**"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs**

**Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP); **"Paul Carbonaro vs Norman Dimech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Rita Micallef et. vs Paul Galea"** (P.A. (RCP) 10 ta' Jannar 2002; u **"Salvu Briffa vs Girolamu Bugeja"** (P.A. (RCP) 8 ta' Jannar 2002).

## B. APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHALL-FATTI TAL-KAZ.

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-allegazzjoni li bejn l-1 ta' Ottubru w it-3 ta' Ottubru 1999 l-konvenut dahal f'Villa Francia, Hal Lija, proprjeta` tal-Gvern, u fetah bieb f'kamra li tinsab fl-ewwel sular tal-istess villa sabiex ikun jista' jaccedi ghalieh mid-dar tieghu, w imbarra l-bieb taghha li jaghti ghat-terrazzin, u wkoll bena cint fuq l-istess terrazzin, proprju biex jaghlaq l-istess access mill-imsemmi terrazzin ghal din il-kamra.

Illi dan il-fatt jinsab ikkonfermat minn **Raymond Bajada**, li jabita f'fond imiss mal-istess villa, fejn dan xehed bl-affidavit tieghu tat-18 ta' Settembru 2000, li ra lill-konvenut flimkien ma' ibnu jaghmel dan ic-cint ta' hames filati bil-*bricks* fuq indikat, u li kkonferma wkoll li l-istess kamra u terrazzin dejjem kienu jaghmlu parti minn din l-istess villa.

Illi dan jinsab kkoroborat mill-**Perit Claude Borg**, fl-affidavit tieghu tas-27 ta' Settembru 2000, bhala impjegat mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet, li kkonferma l-ezistenza tal-istess imbarrar u cint, u anke ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija sabiex jittiehdu l-passi kriminali kontra l-konvenut, li fil-presenza tieghu ma nnegax li kien huwa li bena l-istess cint.

Illi din l-istess xhieda tinsab ukoll korroborata minn Angelo Falzon impjegat fl-ufficcju tal-Prim Ministru fl-affidavit tieghu tal-24 ta' Ottubru 2000, li kienu stazzjonati fl-istess villa mit-12 ta' Awissu 1999, u Publio Agius fl-affidavit tieghu tal-istess data tal-24 ta' Ottubru 2000, li kien jahdem fl-istess ufficcju u li rcieva r-rapport ta' siehbu Angelo Falzon, u li t-tnejn ikkonfermaw li din il-kamra kienet dejjem taghmel parti mill-istess villa, u li ma kien hemm ebda cint, hlief dak li sar mill-konvenut mertu tal-kawza odjerna.

Illi fl-ahharnett xehed wkoll l-**Ispettur Simon Galea** fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2001 li sostna li huwa kien investiga l-incident min-naha tal-Pulizija li sostna li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien huwa li ghamel l-istess cint, u kien offra li jnehhieh; fil-fatt inhadu wkoll proceduri kriminali kontra l-konvenut ghar-reat ta' *"raggion fattasi "* skond l-**artikolu 85 tal-Kodici Kriminali w** instab hati tal-istess akkuza permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs**

**Francis Fenech"** (K.M. (C.S.H.) datata 2 ta' Ottubru 2000 li tinsab esebita bhala Dok. "S.G." Din ix-xhieda kollha dwar it-tragitt tal-proceduri kriminali giet ikkonfermata mill-**Ispettur Dennis Theuma** fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Marzu 2001, li anke kkonferma li l-istess konvenut kien nehha l-istess xoghlijiet, u dan gie kkonfermat mill-istess xhud fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001.

Illi ghalhekk mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-konvenut wettaq l-att spoljattiv indikat fic-citazzjoni attrici, u fil-fatt dan bl-ebda mod ma gie kkontestat mill-istess konvenut, tant li huwa ma pprovda l-ebda xhieda dwar il-kaz, izda wkoll nehha l-att spoljattiv fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta wkoll l-element ta' pussess tal-atturi necessarju fil-kawza ta' spoll, u wkoll li l-azzjoni saret fit-terminu propost mill-ligi, kif jidher mix-xhieda ta' Raymond Bajada li attwalment ra lill-konvenut jaghmel tali xoghlijiet ma' ibnu, u ghalhekk dak sostnut fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut ma jistax jigi accettat.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess ma hemmx dubju, li la darba l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati, u la darba li l-mertu gie ezawrit ghaliex il-konvenut nehha l-bini mertu tal-att spoljattiv minnu kompjut fil-mori tal-kawza, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante li l-mertu gie ezawrit fil-mori tal-kawza, billi l-konvenut nehha ix-xoghlijiet li huwa kien ghamel abbusivament fil-fond *de quo,* **taqta' u tiddeciedi billi tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002**